Citta Notabile

# MINUTI

## Laqgħa b’ Urġenza tal-Kunsill Lokali Mdina

## IT-TMIEN'LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 36

It- Tnejn,14 ta' Marzu 2022

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joseph Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier
Camille Scerri- Kunsilliera

**ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.13pm

**36.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija**

36.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta' apoloġija

**36.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal- Minuti**

36.2.1 Fuq il-Mejda tal-Kamra tqegħdu l- minuti tal- Erba' u Tletin u Ħamsa u Tletin Laqgħa. Kopja tal-Minuti ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

36.2.2 Is- Sindku staqsa jekk hemx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu approvati unanimament. Is- Sindku flimkien mas- Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

**36.3 Komunikazzjoni mis- Sindku**

36.3.1 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li wara rapport li sar mal-Pulizija rigward tlajjar ta karozzi fil-foss ta' L-Mdina huwa ġie infurmat li azzjoni ttieħdet u anke ttellgħu xi persuni il-Qorti.

36.3.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li b'kollaborazzjoni ma Infrastructure Malta ser jiġu nstallati centre pole bollards fil-Foss ta' L-Mdina.

36.3.3 Is- Sindku ta *update* rigward il-pressjoni li qed jagħmel hu ma' l-awtoritajiet biex jiġu nstallati *charging pillars* ġewwa l- Mdina. Jidher li hemm id- disponibilita' mill-Ministeru ta' L-Enerġija li dawn isiru pero' suġġett għal approvazzjoni tal- Sovraintendenza tal- Kultura u Wirt Storiku.

36.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li x-xogħolijiet fuq tiswija tad-dawl fi Ġnien Howard kwazi huwa konkluz u prattikament il-ġnien huwa mixgħul kollu.

36.3.5 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li b'kollaborazzjoni ma' l-Ambaxxiata Italiana f' Malta fuq intervent ta' l-ambaxxiatur fih innifsu ġejna avviċinati mill-Comune di Siena biex isir ġemellagg ma' din il-belt. Il-Kunsill kellu reazzjoni pozittiva għal dan il-ġemellaġġ u ser ikompli jistħarreġ dawn il-possibilitajiet.

36.3.6 Is- Sindku qal li hemm bzonn li l-bins li hemm ġewwa l-Mdina isir il-manutenzjoni tagħhom għaliex iddeterjoraw u jidhru koroh. Huwa talab li jinġabru tlett kwotazjonijiet biex isir dan ix-xogħol. Il-Kunsill approva.

**36.4 Medieval Mdina 2022**

36.4.1 Il-Kunsill ħa deċizjoni li la darba ir-restrizzjonijiet fuq Covid mix-xahar ta' April ser jippermettu li jsiru attivitajiet tal-massa ħass, li għandu jerġa jorganizza l-festival medjevali u għalhekk ġie deċiz li din l-attivita' ser issir nhar is- Sibt 2 ta' Lulju u l-Ħadd 3 ta' Lulju 2022

36.4.2 Is- Sindku talab li ssir laqgħa preliminari mal-gruppijiet medjevali li ħadu sehem fis-snin ta' qabel biex jibdew it-tħejjijiet għal dan l-avveniment tant prestiġġuz

**36.5 Ilmenti u items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill**

36.5.1 Is- SE infurma lill-Kunsill li ser jiġi introdott *pilot project* għal ġbir bieb bieb ta' skart elettroniku fir-Reġjun tal-Punent u għal dan il-għan ser issir laqgħa nhar l- Erbgħa 13 ta' April 2022

36.5.1 Is- SE infurma lill-Kunsill li l-applikazzjoni bit- tema Creative Europe " Medieval Villages Itinerary ġiet rimandata għas- sena d-dieħla għar-raġuni li xi pajjizi li kienu ser jiffurmaw parti minn dan il-poġett iritraw u ser jinstabu partners ġodda.

36.5.2 Greenpak- Proposta biex madwar sit ta' Ibins jiġi installat CCTV camera biex jiġi ssorveljat xi skart li jintrema hemm. Il-Kunsill irid iħallas għal ispejjez ta' l-applikazzjoni tad-dawl kif ukoll titħallas r-rata fix-xahar ta' € 29.50 għas-sim card u spejjez oħra relatati. Il-Kunsill approva

36.5.3 AKL 2022-028- Il-Kunsill ġie infurmat li uffiċjali ta' ERA ser ikunu qed josservaw zoni problematiċi fejn jidħol skart f'zoni fil-lokalita'.

**36.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

36.6.1 Fuq il-mejda tal-kamra tqegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li jġibu d-data tas- 14 ta' Marzu 2022 (Meħmuz) li jammonta għas-somma ta' € 35,793.54

36.6.2 L-iskedi ta' ħlasijiet kienu proposti għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijiet ser jiġu ffirmati miz-zewġ Kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

.

**36.7 Tmiem tal- Laqgħa u data tas- Seduta li jmiss**

36.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil- 4.18pm u ġiet aġġornata għas- 11 ta' April 2022 fit-3pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ____________________ |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

Data:___11 ta' April 2022__